# TA' SANNAT

*Sensiela informattiva u edukattiva dwar Ta' Sannat*

minn

**Dr. Raymond C. Xerri**

B.A.(Hons.)(U.S.A.), E.U.Sch.(E.U.Law)(F.R.G.), D.D.S., M.A.(Dip.St.)(Malta), L.F.I.B.A.(U.K.), D.G.(U.S.A.), Ph.D. (Australia)



## L-ISMIJIET TAD-DJAR F'TA' SANNAT

Qatt ħsibt x'ser issemmi d-dar tiegħek? Kif ddeċidejt li ssemmiha kif semmejtha? Dan l-artiklu ser jirrispondi ħafna mistoqsijiet: Liema kienu l-ewwel djar li kellhom isem f'Ta' Sannat? X'tip ta' ismijiet nagħtuhom? U għaliex nagħtuhom isem? X'lingwi nużaw? Liema hu l-aktar isem popolari f'Ta' Sannat?

***Għaliex nagħtu isem lid-djar tagħna?***

Ismijiet tad-djar minn dejjem kellna minn żmien il-miġja ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, u minn dejjem kienet drawwa fost il-familji nobbli f'pajjiżna. F'pajjiżna nsibu ħafna palazzi, villel u djar ta' familji li għandhom dixxendenza nobbli li għad għandhom l-isem tad-dar imnaqqax fil-ħajt, fil-bieb prinċipali jew fuq ħabbata. F'dawk iż-żminijiet fl-inħawi magħrufa bħala Ta' Sannat kien hemm għadd ġmielu ta' djar kbar u numru ta' palazzi, oħrajn sfortunatament waqgħu jew twaqqgħu. Dawn il-palazzi u djar kienu jilqgħu kavallieri, familji nobbli u saħansitra lill-Gran Mastru ta' Malta. Dan il-wirt jinsab fiż-żona Ta' Ċenċ u l-inħawi sal-Bajja tax-Xlendi.

Kellhom jagħddu iż-żewġ gwerrer kbar u jiġu lura l-emigranti tagħna biex terġa' titqajjem din it-tradizzjoni u ma' tibqax xi ħaġa tan-nobbli iżda' ssir xi ħaġa ta' kulħadd. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija kellna ftit djar li kienu msemmija għal affarijiet reliġjużi bħal qaddisin. Pero' f'Ta' Sannat fis-snin sebgħin u tmenin ra numru ta' familji emigranti Sannatin ġejjin lura minn diversi pajjiżi fosthom, l-Awstralja, l-Istati Uniti, l-Kanada u oħrajn.

***Djar imsemmija għal pajjiżi fejn emigraw***

Minn studju li għamilt dwar ir-ritorn ta' l-emigranti minn Ta' Sannat il-maġġoranza tad-djar ta' emigranti li ġew lura Ta' Sannat, kienu msemmija għal aspett jew ieħor tal-kontinent Awstraljan: 'Sunshine' (3 djar); 'Yarra River' (2 djar); 'Keep Rite Place'; 'Melbourne'; 'Filton'; 'Canberra'; 'Home Stead'; 'St Margaret Melbourne'; 'Waratah Lodge'; 'God Bless Australia'; 'Mackay Ville'; 'Blacktown'; 'Gladwater' u 'Long Stone.' L-emigranti Sannatin mill-Istati Uniti semmew għadd tad-djar bħal: 'Mayflower'; 'Golden Eagle'; 'Quaker'; 'In God We Trust'; 'Liberty' u ' Blue Jays' u filwaqt li hemm dawn immsejħa, 'Maple Leaf' (3 djar); 'Canadiana'; 'Ontario'; 'God Bless Canada' u 'Northern Lights' f'ġieħ il-Kanada u ftit djar oħra imsemmija għall-postijiet oħra madwar id-dinja bħal: 'Rio Di Janiero' u 'Mandarin'.

***Ismijiet Reliġjużi fid-djar Ta' Sannat***

L-Ismijiet reliġjużi huma fost l-aktar popolari. Fil-fatt l-aktar isem popolari

f'Ta' Sannat hu 'St. Margaret' (13-il dar); 'Sta Margerita' (2 djar); 'Margherita'; 'Casa Margerita'; 'Casa Sta Margerita'; 'St. Margaret Melbourne' u 'il-Warda Margerita' kollha relatati mal-qaddisa-patruna tar-raħal. Ma' naħsibx li hija xi sorpriża f'raħal iddedikat lill-Verġini u Martri Santa Margherita! L-ismijiet relatati mall-Madonna insibu: 'Ave Maria' (5 djar); 'Mt. Carmel' (2 djar); 'Madonna tal-Karmnu'; 'Casa Madonnina' (2 djar); 'Madonna ta' Pinu' (3 djar); 'Our Lady of Ta' Pinu'; 'Lordes' (3 djar); 'Qalb ta' Marija' (2 djar); 'Holy Mary' (2 djar); 'Madonnina'; 'Madonna Ta' Karaffa'; 'Fatima'; 'Casa Sta Marija'; 'Madonna Delle Rose'; 'Warda Mistika'; 'Hail Mary' u 'l-Madonna Tal-Grazzja'.

Ismijiet oħrajn relatati mar-reliġjon huma:- 'Redentur' (7 djar); 'Redeemer'; 'St. Joseph' (4 djar); 'Sacred Heart' (2 djar); 'Qalb ta' Ġesu' (3 djar); 'Sweet Lord' (3 djar); 'Gesu di Nazareth' (3 djar); 'St. John' (5 djar); 'Sant'Anna'; 'St. Anna'; 'Sacra Famigha'; 'God Bless'; 'St. Theresa'; 'Sweet Heaven'; 'Guardian Angel'; 'Padre Pio' (2 djar); 'San Gaetano'; 'St. Anthony' (2 djar); 'St. Rita' (2 djar); 'St. George's'; 'Sta. Adeodata'; 'Hebron'; 'In God We Trust' u 'Casa Dun Anton'.

***Djar imsemmija għal kunjomijiet jew laqmijiet tal-familji***

Dawn iż-żewġ gruppi ta' ismijiet popolari fost is-Sannatin. Il-Kunjomijiet prinċipali huma kollha rappreżentati:- 'Muscat' (2 djar); 'Theuma' (2 djar); 'Family Spiteri' (2 djar); 'Micallef Paradise'; 'Azzopardi'; 'Casa Borg'; 'Buttiġieġ'; 'Bajada'; 'Bonnici'; 'Cardona'; 'Casa Cremona'; 'Gatt'; 'Casa Cauchi'; 'Grima'; 'Grech'; 'Casa Pisani'; 'Mizzi Cottage' u 'Sciberras Ville'; . Hemm ukoll djar imsemmija għall-laqmijiet ta' persuni jew familji f'Ta' Sannat:- 'Ta' Marozz'; 'Ta' Xaman'; 'Dar Ta' Xaman'; 'Ta Marianna'; 'Ta' Gerita'; 'Ta' Sesu'; 'Ta' Bess'; 'Ta Trajka'; 'Ta' Mikrina'; 'Ta' Ġuża'; 'Ta' Sterfa'; 'Dar ix-Xtilpa'; 'Miġla'; 'Iċ-Ċnus'; 'Ta' Pinu'; 'Ta' Ċenċ' u 'Iż-Żenqa.'

***Ismijiet ta' persuni u postijiet***

Hemm djar imsemmija għal isem ta' persuna:- 'Philips'; 'Pauline'; 'Nikolina'; 'Nicholas'; 'Valentina'; 'Nightingale'; 'Frank's'; 'Margherita'; 'Margaret'; 'Lydda'; 'Myriam Ville'; 'George's'; 'Rose'; 'Maria'; 'Leo'; 'Casa Laurie'; 'Frances'; 'Casa Giuseppe' u 'Carmel'. Oħrajn imsemmija għall-postijiet lokali u barra minn pajjiżna:- 'Tivoli' (4 djar); 'Notre Dame'; 'Kantra Beach'; 'Fontanella'; 'Għar ix-Xiħ'; 'Żebbuġi'; 'Villa Ġnien is-Sultan'; 'Athena'; Casa Sorriso'; 'Interlaken'; 'Jacarada'; 'Caprice Ville' u 'Villa Torino'.

***Djar imsemmija għall-isem tal-koppji***

Din hi l-moda ġdida f'Ta' Sannat u madwar Għawdex kollu. ħafna djar qed jissemmew għal l-ismijiet tal-koppja, ġeneralment l-isem tar-raġel u l-mara miktub fil-qosor u magħqud flimkien. L-ismijiet li nsibu f'Ta' Sannat huma:- 'Joscar'; 'Jos Charl'; 'Carmelin'; 'Mari Mar'; 'Gorton'; 'Carlina'; 'Robina'; 'Marcel'; Charvel'; 'Antcharl'; 'Jaton'; Rosecor'; 'Gorguz'; 'Framik'; 'Doria'; 'Calbo'; 'Mican'; 'Dankel'; 'Margeor'; 'Carbert'; 'God Bless Anthony Joseph'; 'France Jas'; 'Marvic'; 'Emjane'; 'Joyce Frank' u 'Mirfrapi'.

***Djar imsemmija għal flora, annimali u siġar***

'Narcis' (2 djar); 'Sunflower' (2 djar); 'Edelweiss' (2 djar); 'Peprina'; 'Daffodil'; 'Fjuri'; 'Golden Rose'; 'Anemone'; 'Octavius'; 'Pousietta'; 'Windflower'; 'Hortensia'; 'Warda'; 'Gardenia'; 'Dewdrops'; 'Tulip'; 'Ville Rose'; 'Ponderosa'; 'Begonia'; 'Rose'; 'Carnations' u 'Orchidea' huma ismijiet ta' ward u 'Swan'; 'Il-Gawwija'; 'Albatross Ville'; 'Osprey'; 'Eagle Nest'; 'Anthlers'; 'Tajra'; 'Our Nest'; 'Dolphin'; 'Palomino'; 'Blue Bird'; 'Blue Jays'; 'White Stork' u 'Eagle' huma djar imsemmija għal għasafar jew annimali. Is-siġar u l-pjanti huma wkoll rappreżentati b'ismijiet bħal:- 'Evergreen'; 'Wild Orchid'; 'Prinjola'; 'Tamarisk'; 'Palma'; 'Rondinella'; 'Cherry' u 'Bonsai'.

***Ismijiet Oħrajn***

Xi familji oħra ddeċidew jkunu differenti mill-kumplament tan-nies u taw isem oriġinali ħafna. Eżempji ta' dawn huma:- 'Shalon' (4 djar); 'Gawhra' (3 djar); 'Arcadia' (3 djar); 'Farmhouse' (2 djar); 'Rustika' (2 djar); 'Solitaire' (2 djar); 'Pearl'; 'Lichen Pearl'; 'Villa Lafuente'; 'Villa Kantra'; 'Villa Feigel'; 'Villa Dalia'; 'La Quacrca'; 'Solange'; 'Humanite'; 'Notre Maison'; 'Our Luv'; 'Merħba'; 'Moorcraft'; 'Yillowra'; 'Corner'; 'Spalding'; 'Lilium'; 'Gosepier'; 'Goviour'; 'Kleirunb'; 'Astir'; 'Darkside'; Eden'; 'Toll'; 'Amour'; 'Nid Amour'; 'Reality'; 'Feelings'; 'Ahamisa'; 'Centre Island'; 'Welcome'; 'The Penthouse'; 'O Shonho'; 'Our Emerald'; 'Sunrise'; 'Sunset Lodge'; 'Sunny Valley'; 'Sliem'; 'Panorama'; 'Honey Dew'; 'Qawsalla'; 'Beliveau'; 'Coca Cola'; 'Remola'; 'Valiant'; 'Zingara'; 'Carpenter'; 'Hunting'; 'Miracle of Love'; 'Galaxy'; 'Marina'; 'Sweet Home'; 'Arjuża'; 'Yellow River'; 'Dar il-Hena'; 'Dar iż-Żernieq', 'Ir-Razzett', 'Il-Girna' u 'Iż-Żernieq'.

***Bidla fl-istil u qawmien ġdid***

Jekk tinnotaw il-biċċa l-kbira ta' dawn l-ismijiet li semmejna huma bl-Ingliż, bil-Malti; bit-Taljan u bil-Franċiż. F'dawn l-aħħar snin qegħdin naraw ismijiet ta' djar bil-Malti, kif inhu xieraq. Din hi bidla fl-istil ta' kif isemmu djarhom. Dan għaliex skoprejna l-Malta? Le, għaliex qegħdin nimmaturaw u nifhmu li għandna lingwa li kapaċi toħloq ismijiet sbieħ daqs l-Ingliż. Bidla oħra qegħda sseħħ fl-ismijiet tad-djar ta' bosta emigranti. L-emigranti l-ġodda qegħdin isemmu djarhom bil-Malti u għal xi ħaġa relatata mar-raħal jew post fejn tinsab id-dar. Għalhekk meta tkun ser issemmi darek, aħsibha sew u żomm f'moħħok Ta' Sannat u l-Għawdex tagħna u fuq kollox il-lingwa tagħna li hi tant sinjura fl-ismijiet li taf toħloq!

**Referenzi:-**

Reġistru Elettorali - Sannat, April 2008.

Xerri, Raymond C., *Gozo in the World and the World in Gozo: a cultural impact of migration and return migration on an island community*, Victoria University, Melbourne, Australia, 2001.

Xerri, Raymond C., *Gozitan Crossings*, Gozo & the Gozitans Series, A&M Printing Ltd., Qala, 2005.

Xerri, R. C. 2005, *A Decade of Australian-Qala Association 1995-2005*, Gozo & the Gozitans Series No. 2, A&M Printing Ltd, Qala.